

Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni ta' għeluq tal-proċedura miftuħa taħt l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal li tirri-konoxxi lir-rikorrent rata ta' invalidità permanenti ta' 64,5 % u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-danni materjali u morali mġarrba.

Talbiet tar-rikorrent

- Tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-27 ta' Lulju 2009 li tagħlaq il-proċedura miftuħa taħt l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal inseqwitu għall-inċident tar-rikorrent tat-8 ta' Diċembru 2003;
- sa fejn ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tas-16 ta' Frar 2010 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- konsegwentement, tasal għall-evalwazzjoni tar-rata ta' invalidità parzjali permanenti (IPP) fuq il-bażi tar-regoli u tal-kriterji ta' evalwazzjoni fis-seħħ fil-ġurnata tal-inċident u sal-1 ta' Jannar 2006, wara li terġa' tiġi eżaminata t-talba mressqa mir-rikorrent taħt l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal minn kumitat mediku kompost b'mod imparzjali, indipendenti u newtrali li jista' jaħdem malajr, indipendentement u mingħajr preġudizzju;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta' interessi moratorji fuq il-kapital dovut taħt l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal b'rata ta' 12 % fuq perijodu li jibda l-iktar tard fit-8 ta' Diċembru 2004 sal-ħlas kollu tal-kapital;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni, iffissati *ex aequo et bono* għal EUR 50 000 għad-dannu morali mġarrab minħabba fid-deċiżjoni meħuda;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni, iffissati għal EUR 15 000 għad-dannu materjali mġarrab minħabba fid-deċiżjoni meħuda;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2010 –Wilk vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża F-32/10)

(2010/C 179/106)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Christian Wilk (Trier, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Adam, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjonijiet li jordnaw l-irkupru ta' nofs l-allowance ta' installazzjoni mħallsa lir-rikorrent, wara d-divorzju tiegħu kif ukoll it-talba għal danni.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2009 u tat-8 ta' Settembru 2009 li jordnaw l-irkupru tal-allegat ħlas żejjed;
- jannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar 2010 li tikkonferma l-fondatezza ta' dan l-irkupru;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għar-rimbors tas-somma rkuprata bl-interessi legali dekorribbli mill-irkupru sal-ħlas;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għad-danni talli ppreġudikat b'mod serju d-dehra pubblika u r-reputazzjoni tar-rikorrent;
- sussidjarjament, jirriżerva għar-rikorrent id-dritt li jitlob danni addizzjonali għad-dannu li soffra;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.